MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2008

Rikors Numru. 619/2007

Fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru numru 39/07

Iceberg Refrigeration Services Limited
vs
Andre Tabone u martu Bridget Tabone

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

Illi s-socjeta` Iceberg Refrigeration Services Limited ottjeniet il-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru numru 39/07 fl-ismijiet premessi fil-hdax (11) ta’ Jannar 2007 fuq il-pretiza li r-rikorrenti ghandhom ihallsuha l-ammont ta’ wiehed u tletin elf seba mija u erbgha u sittin Lira Maltin (Lm31,764) bhala bilanc ta’ somma akbar moghtija b’self.

Illi permezz ta’ rikors ipprezentat fil-31 ta’ Jannar 2007 (Rik. Nru 119/07FS), Andre u Bridget Tabone talbu lil din

il-Qorti sabiex tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 39/07 fl-ismijiet premessi primarjament a bazi ta' l-artikolu 836(1)(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda fin-nuqqas, a bazi ta' l-artikolu 836(1) (d) u (f) tal-Kap 12, filwaqt li talbu wkoll lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta` Iceberg Refrigeration Services Limited thallas penali li jidhrilha xierqa a tenur ta' l-artikolu 836(8);

Illi permezz ta' digriet tad-19 ta' Frar 2007 (Dok A) din il-Qorti kif diversament preseduta ordnat ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 39/07 fl-ismijiet fuq premessi u dan wara li ikkunsidrat li: *"is-socjeta` intimata debitament notifikata skond il-ligi (fol 4 u 5 tal-process) ma pprezentatx risposta u ma deher hadd ghaliha fis-seduta tal-lum, u anqas deher konsulent legali ghaliha. Semghet lil Dr. Peter Fenech konsulent legali tar-rikorrenti, li qal li kemm mill-computer kif ukoll manwalment sa xi zmien il-gimgha l-ohra kien ivverifika u sab li ghadha ma gietx prezentata kawza fuq il-mertu ta' dan il-mandat"*;

Illi hemm lok sabiex is-socjeta` intimata tigi kundannata sabiex thallas dawk id-danni lil Andre` u Bridget Tabone li huma garrbu bil-hrug tal-mandat in kwistjoni u dan kif kontemplat fl-artikolu 836 paragrafu (9) tal-Kap 12, stante li jissussistu ben erba' ragunijiet, ossia:-

1. Illi s-socjeta` intimata naqset li tressaq il-kawza fiz-zmien stabbilit bil-ligi, u dan kif konfermat mis-sentenza tad-19 ta' Frar 2007. Inoltre sal-guranata tal-lum Andre` u Bridget Tabone ma gew notifikati bl-ebda proceduri legali istitwiti ghall-hlas tal-kreditu pretiz fil-mandat ta' sekwestru in kwistjoni.
2. Illi ma saret l-ebda interpellanza fi zmien hmistax-il jum qabel ma nhareg il-mandat, u ma tirrizulta l-ebda urgenza ghaliex tali rekwizit ma giex osservat,
3. Illi c-cirkostanzi tar-rikorrenti huma tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita` taghhom, u dwar il-kapacita` finanzjarja taghhom li jhallsu t-talba mressqa mill-intimati u din il-qaghda taghhom hija maghrufa sew.
4. Illi t-talba ta' Iceberg Refrigeration Services Limited hija malizzjuza, frivola u vessatorja.

Illi l-hrug tal-mandat ikkrea danni stante li l-mandat affettwa serjament il-likwidita` tar-rikorrenti. Wara l-hrug tal-mandat in kwistjoni giet depositata gewwa r-Registru tal-Qorti Civili s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf mitejn u tmienja u disghin Liri Maltin u hames centezmi (Lm22,298.05) permezz ta' cedola ta' depositu bin-numru 121/2007 (Dok B) liema somma tappartjeni lir-rikorrenti u kienet mizmuma gewwa kont bankarju mal-Bank of Valletta plc.

Illi d-danni li garrbu r-rikorrenti permezz tal-hrug tal-mandat in kwistjoni huma konsistenti f'telf ta' interessi fuq dan l-ammont depositat gewwa l-Qorti kif ukoll spejjez gudizzjarji li gew inkorsi sabiex jigi revokat il-mandat u dawk relatati mac-cedola ta' depozitu 121/07 u sabiex jigu zbankati l-flus li gew depozitati gewwa l-Qorti li komplessivament jammontaw ghas-somma ta' elf mitejn u hamsin Liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm1250.24).

Illi t-telf ta' interessi mid-data minn meta l-flus gew depozitati l-Qorti sad-data ta' meta dawn il-flus gew rilaxxati, u cioe` mit-30 ta' Jannar 2007 sal-11 ta' Mejju 2007 jammontaw ghal erba' mija u tlieta u disghin Liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm493.61);

Illi l-ispejjez ta' dawn il-proceduri jammontaw ghal seba' mija u sitta u hamsin Liri Maltin u tlieta u sittin centezmu (lm756.63) li huma maqsuma kif gej:

- Spejjez u drittijiet tac-cedola ta' depositu 121/07
- Skond l-istess cedola annessa u mmarkata Dok B
- (tlett mija u hamsa u tmenin Liri Maltin) ………………………..Lm385

- spejjez u drittijiet tar-rikors numru 119/07FS
- skond it-taxxa annessa u mmarkata Dok C
- (mitejn u erbgha u ghoxrin Liri Maltin u sebgha u sittin centezmu)...Lm224.67

- spejjez u drittijiet tal-kontromandat numru 262/07
- skond it-taxxa annessa u mmarkata Dok D
- (sebgha u erbghin Liri Maltin u sitta u disghin centezmu) …………Lm47.96

- spejjez u drittijiet tar-rikors ghall-izbank tal-flus
- depositati permezz ta’ cedola numru 121/07
- (tmienja u tletin Liri Maltin) ……………………………………...Lm38

- spejjez u drittijiet tar-rikors numru 234/07FS
- skond l-annessi rcevuti mmarkati Dok E
- (wiehed u sittin Liri Maltin) …………………………………………Lm61

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti joghgobha tikkundanna lis-socjeta` intimata Iceberg Refrigeration Services Limited li fuq talba taghha kien inhareg il-mandat ta’ sekwestru bin-numru 39/07 fl-ismijiet premessi sabiex thallas lir-rikorrenti l-ammont ta’ elf mitejn u hamsin Liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm1250.24) rapprezentanti ammont ta’ danni li r-rikorrenti garrbu bil-hrug ta’ l-imsemmi mandat ta’ sekwestru u dan a bazi ta’ l-artikolu 836(9) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez tar-rikors odjern kontra s-socjeta` intimata Iceberg Refrigeration Services Limited.

Rat id-dokumenti prezentati minn Andre` u Bridget Tabone.

**B. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta’ <u>Andre Tabone</u> fejn issemma li fil-11 ta’ Jannar 2007 inhareg mandat ta’ sekwestru mis-socjeta` Iceberg Refrigeration Services Limited kontra tieghu u ta’ martu Bridget Tabone fl-ammont Lm31,764. Fil-mandat imsemmi s-socjeta` Iceberg Refrigeration Services Limited iddikjarat li dan l-ammont li kienet qed tippretendi kien jirrapprezenta bilanc ta’ somma akbar moghtija b’self. Qal li la hu u anqas martu qatt ma ssellfu xi ammont ta’ flus minghand is-socjeta` Iceberg

Refrigeration Services Limited. Hu kien direttur fil-kumpanija Iceberg Refrigeration Services Limited u fil-11 ta' Dicembru 2000 hu u martu ittrasferew l-ishma taghhom fl-imsemmija kumpanija lis-socjetajiet SCF Holdings Limited u lil Ceiling Systems Limited. Din kienet l-ahhar tranzazzjoni taghhom mas-socjeta` Iceberg Refrigeration Services Limited. Qabel ma nhareg il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni qatt ma ssemma li dan l-ammont allegatament dovut u qatt ma ntalab sabiex ihallsu. Jaf li fis-sena 2001, cioe` wara li kien ittrasferixxa l-ishma kif spjegat, kienu ipprezentati lilu l-*accounts* tal-kumpanija Iceberg Refrigeration Services Limited f'liema *accounts* kien jidher bhala dovuti minnu l-ammont ta' ghaxart elef u mija u tlieta u sittin Liri Maltin (Lm10,163). Hu oggezzjona ghal din it-talba peress li ma kenitx dovuta minnu. Din kienet l-unika pretensjoni li ressqet is-socjeta` Iceberg Refrigeration Services Limited ghall-hlas ta' xi ammont ta' flus. Qal ukoll li mhux talli kellu jaghti xi ammont ta' flus lis-socjeta` Iceberg Refrigeration Services Limited izda l-kumpanija Ceiling Systems Limited, li hija proprjeta` ta' l-istess diretturi tas-socjeta` Iceberg Refrigeration Services Limited hija debitrici fil-konfront tieghu ghall-ammont ta' hdax-il elf u disa mija u tmienja u ghoxrin Liri Maltin. Qal li mid-data tal-hrug tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni sal-gurnata tal-lum hu qatt ma gie notifikat b'xi kawza li tressqet mis-socjeta` Iceberg Refrigeration Services Limited ghall-hlas ta' dan il-bilanc allegatament dovut minnu u minn martu. Kien ghalhekk li ipprezentaw rikors fil-31 ta' Jannar 2007 fejn talbu li l-imsemmi mandat jigi revokat. Din it-talba ntlaqghet permezz ta' digriet tad-19 ta' Frar 2007. It-talba ta' Iceberg Refrigeration Services Limited ghall-hrug tal-mandat in kwistjoni kienet wahda malizzjuza u minghajr ebda bazi u dan kollu ikkreja danni konsiderevoli lilu u lil martu.

Rat l-affidavit ta' <u>Bridget Tabone</u> fejn isemma hi tigi mart ir-rikorrent Andre Tabone, kienet ghadha kif semghet lil zewgha jaghmel l-affidavit tieghu u ikkonfermat bil-gurament il-kontenut ta' dak li qal hu. Hi kellha l-kariga ta' *company secretary* fis-socjeta` Iceberg Refrigeration Services Limited u bhal zewgha kienet ukoll ishmatarja u direttrici.

Xehdet Rose Marie Vella li kienet qed tidher ghan-nom tad-Direttur u Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali. Gie referit lilha l-Mandat ta' Sekwestru 39/2007 u jekk fil-fatt sarux proceduri in segwitu ta' dak il-mandat u qalet li kien hemm vera kopja tal-mandat innifsu, sekwestru, imbaghad kien sar rikors revoka il-119/2007, kien hemm vera kopja tieghu wkoll, imbaghad kien hemm rikors iehor it-234/2007, imma dak il-process ma' setghetx issibu u li harget il-kopja jigifieri mill-*print out tal-computer* li kien jezisti *plus* l-ahhar verbal, jigifieri kien hemm zewg rikorsi revoka. Jigifieri hawnhekk ghandek il-mandat il-vera kopja, dan ir-rikors revoka il-119/2007 qieghed kollu fl-atti ta' l-istess mandat imbaghad kien hawn dan ir-rikors revoka iehor it-234/2007, imma dan biss kellha. Dwar il-kawza ossia rikors guramentat, ma kienx hemm.

Xehed Joseph Borg Cordona *Manager Legal Services*, mal-BOV u qal li fil-11 ta' Jannar, 2007 kien hemm mandat ta' sekwestru li jammonta ghal Lm32,287 li sar minn Iceberg Refrigerations Services Limited, u in segwitu sar id-depozitu l-qorti.

## C. KUNSIDERAZZJONIJIET:

Illi r-rikors odjern gie istitwit stante li gie sostnut mir-rikorrenti li l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru bin-numru 39/07, li kien hareg fil-konfront taghhom ikkrealhom danni stante li l-mandat affettwa serjament il-likwidita` taghhom, u ghalhekk qed jitolbu l-ammont ta' elf, mitejn u hamsin Liri Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm1250.24) bhala danni arrekati lilhomn u dan abbazi ta' l-artikolu 836(9) tal-Kap 12, stante li tali mandat kien frivolu u vessatorju. Illi s-socjeta` intimata baqghet ma ipprezentatx risposta ghar-rikors odjern ghalkemm notifikata validament kif jidher a fol 15 u 16 tal-process.

Is-subinciz 9 ta' l-artikolu 836 jiddisponi:
"Fil-kazijiet li jaqghu taht is-subartikolu ta' qabel dan, il-Qorti tista' meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tieghu jkun inhareg il-mandat kawtelatorju sabiex ihallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setghet

garrbet bil-hrug tal-mandat, u f'kawzi bhal dawk il-Qorti ghandha tara u tuza l-iskritturi tal-procedimenti ta' l-att kawtelatorju u ta' kull procedimenti ta' l-att kawtelatorju u ta' kull procediment iehor li johrog jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi ghandhom jitqiesu bhala prova ammissibbli ghal finijiet ta' din l-azzjoni."

Illi fis-sentenza **SN Properties Limited vs George Camilleri** deciza mill-Prim'Awla fis-6 ta' Gunju 2000, din il-Qorti sostniet li:
"minn ezami ta' l-istess ragunijiet jidher car, li apparti xi ragunijiet specifici li gew introdotti per se fl-istess artikoli, l-ispirtu ta' l-istess artikoli huwa intiz sabiex bhal ma stabbilit fil-gurisprudenza kostanti ezistenti qabel il-promulgazzjoni ta' l-istess emendi, ma jkunx hemm abbuz minn tali hrug ta' mandati kawtelatorji, u dan l-abbuz huwa identifikat f'kazijiet ta' mala fede, vessatorjeta`, u negligenza grossolana."

"….illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti tali kazijiet ma eliminawx per principju l-azzjoni generali ghad-danni fuq referita fis-sentenzi citati ai termini ta' l-Artikolu 1031 tal-Kap 16, dejjem fil-kuntest u b'konsegwenza ta' dritt ta' azzjoni, pero` in verita` u fil-prattika tali azzjoni, diretta ghall-hrug ta' mandati kawtelatorji, giet illum kristallizzata bl-istess Artikolu 836(9)."

Illi l-pozizzjoni dwar kawza ta' danni, b'konsegwenza diretta ta' intavolar da parti tal-konvenut ta' rikors ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju (f'dak il-kaz, mandat ta' inibizzjoni) gie trattat fil-kawza fl-ismijiet **Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri** deciza mill-Prim'Awla fl-10 ta' Jannar 1992 fejn gew riaffermati s-segwenti principji:
a) Illi huwa principju fundamentali li min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju jkun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbati haddiehor, in omagg ghall-massima **qui suo iure utitur, nonvidetur damnum facere,** bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mac-cittadin ma ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel.

b) Illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti ma ghandux jigi abbuzat.

c) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. **Non e` in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimente, sebbene non vi riesca." (Demajo vs Page,** Vol. XV. Pg. 34. P.A. 24-1-1895). Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru wkoll li l-ligi hija soggetta ghal diversi interpretazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom.

d) Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta` (**Emanuele Calleja vs Carmelo Grima** Appell Civili – XXXIX.1.24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza (**Agius vs Dott. Carbone nomine** – XIII.434 -10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju jkun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "priva di kwalsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che non derivano non e` sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nella lite." (**Mugliette vs Bezzina** – XXVI.I.405).

e) Illi dan l-ahhar principju huwa ibbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta` jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:
"Il diritto cessa dove comincia l'abbuso…..riteniamo che basta, per protegerre tutti I interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano I bisogni della societa`, di aderire al concetto generale che tutti I diritti hanno dei limiti." Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi "Chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo` esser condannato a pagare un indemnita` al suo avversario….." (**Baudry –Lacantinerie.- Trattato Prattico di Diritto Civile –** Delle Obligazioni Vol. VI.pg.560). (Ara wkoll **Yorkie Clothing Industry Limited**

**vs Dr. Lillian Calleja Cremona,** deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fit-30 ta' Mejju 2002.

Fid-dawl ta' dan enucjat hawn fuq, dak li l-Qorti trid tara f'dan l-istadju tal-kawza, huwa jekk l-intimat kellux prima facie bazi guridika li fuqha seta' jagixxi sabiex johrog mandat kawtelatorju. Hekk kif gie enuncjat fil-kaz **Stewart Desmond Stanley vs Mangion Galea Therese,** Prim'Awla Qorti Civili deciza fid-29 ta' Lulju 2005:
"l-ammont ta' garanzija li jrid jigi ffissat irid izomm bilanc xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex ihares il-pretensjonijiet taghha f'kawza pendenti, u l-effett li tali att ihalli fuq il-persuna li kontra taghha jkun inhareg dak il-mandat."

Hawnhekk, ta' min jissottolinea, li fil-kaz in ezami, hekk kif sostna r-rikorrent fix-xhieda tieghu, is-socjeta` intimata qatt ma avvanzat xi talba ghall-kreditu kawtelat, u ma jirrizultax li fi zmien hmistax-il jum qabel ma nhareg il-mandat li saret xi interpellanza da parti tas-socjeta` intimata, u dan ma giex validament oppost. Di piu`, ma jidhirx li kien hemm problemi ta' likwidita` da parti tar-rikorrenti, li kwindi kienu jitolbu li dan il-mandat kawtelatorju jsir b'urgenza biex jigi salvagwardat l-interessi tas-socjeta` intimata. Lanqas ma damu ma ipprocedew bil-kaz ir-rikorrenti, stante li l-hrug tal-mandat ta' sekwestru kien fil-11 ta' Jannar 2007, u r-rikors gie intavolat fl-4 ta' Gunju 2007. Mix-xhieda ta' Rose Marie Vella, in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qrati Civili, irrizulta li l-mandat ta' sekwestru gie segwit b'rikors ghar-revoka ta' mandat li ntlaqa` fid-19 ta' Frar 2007, u li s-socjeta` intimata naqset li tressaq kawza fiz-zmien stipulat mil-ligi (fol 30).

In vista ta' dan, min jissubixxi l-hrug ta' mandat ta' sekwestru jista' jsofri danni, u dan ghandu r-rimedju tieghu f'dak li hemm dispost fl-istess artikolu 836(8) u (9) tal-Kap 12. Minn analizi tal-provi u l-atti tal-kawza, jista' jinghad li l-mandat kawtelatorju in kwistjoni gie ottjenut b'mod frivolu u vessatorju.

Konsegwentement, ghar-ragunijiet fuq premessi, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jintlaqghu, stante li r-rikorrent ghamel il-provi tieghu a sodisfazzjon tal-Qorti, u min-naha tas-socjeta` Iceberg Refrigeration Services Limited, ma giex validament oppost.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk tikkundanna lis-socjeta` Iceberg Refrigeration Services Limited thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' Lm1250 ekwivalenti ghal €2912.96 rapprezentanti danni.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------